# Żewġ big bands għall-ftuħ taċ-Ċittadella Arts Festivals is-Sibt li ġej

Nhar is-Sibt 17 ta' Awwissu jiftaħ uffiċjalment iċ-Ċittadella Arts Festival, li se jkun qed isir f'Għawdex bejn Awwissu u Settembru. Il-ftuħ se jkun b'kunċert spettakolari bl-isem 'Beat It: A Big Band Show' minn D Capitals Big Band u big band mir-Repubblika Ċeka bl-isem ta' Big 'O' Band.

Dan il-festival hu l-akbar proġett li daħlet għalih D Capitals f'dawn il-ħames snin li ilha mwaqqfa. L-idea li jsir dan il-festival nibtet wara li f'Settembru 2016 il-band kienet mistiedna tagħmel kunċert fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni wara x-xogħlijiet ta' restawr li saru fiċ-Ċittadella.

Minn dakinhar il-band baqgħet iżżomm l-appuntament tagħha billi kull sajf torganizza kunċert kbir bis-sehem ta' kantanti lokali u anki barranin. Din is-sena, minn kunċert wieħed, qed ikun estiż għal festival mifrux fuq aktar ġimgħat b'attivitajiet kulturali varji li jkomplu jiġbdu lejn iċ-Ċittadella għadd kbir ta' viżitaturi u ammiratur. Id-direttur artistiku tal-festival u direttur mużikali ta' D Capitals Big Band hu George Apap.

Il-Big 'O' Band, li hi komposta minn 30 element, ilha titmexxa minn Marek Ottl sa mill-2010, meta ħa r-riedni tagħha mingħand missieru Lubos.

Il-programm ta' dan il-festival ta' arti jvarjaw minn kunċerti mużikali, attivitajiet edukattivi, teatru, wirja ta' arti, taħditiet u attivitajiet oħra kulturali.

Minbarra l-kunċert fil-foss taċ-Ċittadella l-attivitajiet oħra jinkludu: masterclasses minn għalliema speċjalizzati internazzjonali għal studenti li jdoqqu trumpets, trombones u saxophones; wirja ta' arti mill-artist Kevin Sciberras; play bl-Ingliż bl-isem 'The Bench' miktuba minn Angelo Camilleri; kunċert għad-debuttanti; attività mużikali edukattiva għal tfal bejn ħames u għaxar snin; taħdita dwar il-Katidral ta' Għawdex l-arti u t-teżori tiegħu minn Kenneth Cauchi u mixja maċ-Ċittadella flimkien mal-espert storiku Dr Joseph Bezzina.

Barra minn hekk fis-7 u t-8 ta' Settembru se ssir open weekend tal-mużewijiet kollha li nsibu fiċ-Ċittadella li jinkludu ċ-Ċentru tal-Viżitaturi, il-Mużew tal-Arkeoloġija, il-Ħabs l-Antik, il-Mużew tal-Katidral, il-Mużew tal-Folklor u tan-Natura.

Il-festival se jkun organizzat minn D Capitals Big Band bl-appoġġ tal-Malta Arts Council u l-Ministeru għal Għawdex, kif ukoll minn Heritage Malta u l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.



Veronika Sabova, waħda mill-kantanti tal-Big 'O' Band. Ilha ma' din il-band sa minn Novembru 2012



Id-D Capitals Big Band waqt attività li kellhom aktar kmieni din is-sena



**RIKONOXXIMENT LIL TONIO PORTUGHESE MIS-SOĊJETÀ MARIA ASSUNTA TAL-GUDJA.** Aktar kmieni din is-sena, fl-okkażjoni tal-75 sena tal-Banda Maria Assunta tal-Gudja u l-100 sena tas-Soċjetà, kienet ippreżentata plakka ta' apprezzament u rikonoxximent minn Omar Xuereb, President tas-Soċjetà ta' din il-banda lil Tonio Portughese, President Onorarju tal-istess Soċjetà. Ir-rikonoxximent ingħata għall-appoġġ li Portughese ta lis-Soċjetà b'mod partikolari fiċ-ċelebrazzjonijiet ċentinarji tagħha li jilħqu l-qofol tagħhom f'Novembru bil-premiere tal-Kantata b'versi ta' Rev George Mercieca u mużika ta' Mro Herman Farrugia Frantz.

# Żewġ mistiedna oħra għall-Festival tal-Letteratura f'Malta

L-edizzjoni ta' din is-sena tal-Festival tal-Letteratura ta' Malta organizzat mill-Inizjamed tinsab magħna għax tibda nhar il-Ħadd 18 ta' Awwissu u tibqa' sejra sal-25 tax-xahar.

Minn dan il-ġurnal diġà tajna tagħrif dwar tnejn mill-kittieba mistiedna barranin ta' dan il-festival, it-Taljan Davide Rondoni u s-Sirjana Rasha Abbas. Illum se nlaqqgħukom ma' tnejn oħra.

Il-mistiedna mill-Venezwela se tkun il-poeta, kittieba ta' xogħlijiet għall-palk u editriċi Yolanda Pantin. Twieldet fil-belt kapitali ta' Caracas fl-1954. Fl-2017 rebħet is-17-il edizzjoni tal-Cada de las Americas Prize. Il-ktieb tagħha 'Mouse and Vampire' immirat għat-tfal u ppubblikat fl-1993 hu rikonoxxut mill-IBBY bħala fost l-aqwa kotba għat-tfal li ħarġu dik is-sena.

Mill-Ingilterra se tkun hawn Malta għal din l-okkażjoni l-poeta u traduttriċi Astrid Alben. Twieldet fl-1973, wieħed mill-ġenituri tagħha hu Olandiż u fil-fatt ħafna mit-traduzzjonijiet li tagħmel huma mill-Olandiż għall-Ingliż. Xogħlijiet oriġinali tagħha huma ppubblikati kemm f'kotba kif ukoll f'rivisti.



Yolanda Pantin



Astrid Alben



**35 SENA ILU MIET ALBERTO LUPO.** Fit-13 ta' Awwissu 1984, fl-età ta' 59 sena miet l-attur tal-palk u ċ-ċinema Taljan kif ukoll preżentatur televiżiv Alberto Lupo.

Twieled fl-1924, ismu proprju hu Alberto Zoboli, u kien minn Ġenova.

Minkejja li kien daħal l-università biex jistudja l-Liġi, kif xtaq missieru. Biss qalbu ma kenitx hemm u ma ssoktax għaddej.

Meta kellu biss 20 sena waqqaf kumpanija tar-reċtar fi ħdan l-ażjenda fejn kien qed jaħdem u fost oħrajn tellgħu b'suċċess bit-Taljan ix-xogħol kontemporanju Amerikan 'Our Town' ta' Thornton Wilder li sitt snin biss qabel kienet rebħet il-Premju Pulitzer.

Ħadem ukoll f'xi films u f'għadd ta' fotorumanzi għal rivisti bħal Bolero, Sogno u Grand Hotel.

Fl-1964 ingħata parti importanti tat-tabib fis-sensiela televiżiva 'La Cittadella' bbażata fuq ktieb magħruf bl-istess isem ta' A.J. Cronin.

Fl-1967 kien ippreżenta l-edizzjoni ta' dik is-sena ta' 'Canzonissima'. Wara beda jippreżenta programmi fuq ir-Rai fosthom l-aktar popolari kien 'Teatro 10' li tiegħu saru numru ta' edizzjonijiet u li fi stağun minnhom kien ikollu lil Mina bħala mistiedna residenti. Ma' Mina kien jinterpreta l-kanzunetta 'Parole parole' li għal xi żmien kienet anki s-sigla tal-programm.

Għal xi żmien ħadem ukoll bħala 'doppiatore' maċ-C.I.D.

Waqt li kien fuq il-post tax-xogħol, kienet tatu ictus, u waqa f'koma. Biss wara perjodu ta' kura, ħareġ mill-koma, minkejja li għall-bidu kien mutu u paralizzat. Madankollu, b'kuraġġ u bis-sostenn dejjiemi ta' martu, l-attriċi Lyla Rocco li kien iżżewweġ fl-1964, mhux biss irkupra, iżda anki mar lura għax-xogħol, anki jekk beda jieħu l-affarijiet b'mod aktar legger. Miet snin wara bi trombożi f'moħħu.

Għall-bidu ta' Ottubru 1975 hu kien ġie fuq żjara f'Malta, fejn l-aktar li konna nafuh hu permezz tat-televiżjoni Taljana, li dak iż-żmien kienet segwita ferm mill-Maltin.